# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)

# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI

# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 103/2008 BS**

**Perit Mario Formosa u martu Michelle Formosa**

**għal kull interess li jista' jkollha**

**-vs-**

**Forti Developments Limited**

**U b'digriet tal-14 ta' Novembru 2012 giet kjamata fil-kawza s-socjeta Fort Chambray Limited (C12056)**

**U wara decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi datata l-31 ta' Mejju 2019 gew kjamati fil-kawza d-Direttur tas-Sigurta Socjali u l-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi, il-Perit Mario Formosa u martu Michelle Formosa għal kull interess li jista' jkollha, illi ppremettew:**

1. Illi huwa kien impjegat mas-socjeta' intimata sal-31 ta' Ottubru tas-sena 2007, u fost il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu a bazi tal-ftehim li kien milhuq bejn l-kontendenti meta huwa beda l-impjieg tieghu, huwa thailas salarju net f'idejh ta' elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2329.37)- gia elf Liri Maltin (LM1000) - fix-xahar, naturalment wara l-hlas tal-bolla u t-taxxa;

2. Illi mil-formoli FS3 - Final Settlement System (FSS) - Payee Statement of Earnings - sottomessi mis-socjeta' intimata lid-Dipartiment tat-Taxxi interni, jirrizulta illi erronjament l-istess socjeta' intimata irregistrat is-salarju ta' elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2329.37) - gia eif Liri Maltin (LM1000) bhala salarju gross u mhux nett, sabiex filwaqt illi effettivament huwa thallas salarju nett ta' elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2329.37) - gia elf Liri Maltin (LM1000) - b'dana kollu ghall-perjodu ta' l-impjieg tieghu, is-socjeta' intimata ma' hallset ebda taxxa (income tax) u lanqas bolla (national insurance contribution) spettanti lid-Dipartiment koncemat ghan-nom tal-impjegat tagħha, appuntu l-mittent, kif trid il-ligi, b'dan u bil-konsegwenza illi l-mittent gie skopert fil-hlas tal-bolla u t-taxxa dovuta lid-Dipartiment mill-ex-principal tieghu;

3. Illi l-ammont komplessivament dovut kif kalkolat u stabbilit minn accountant/awditur professjonali huwa ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin centezmu (€21,739.69) - gja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm9332.85), jew somma ohra verjuri, rappresentanti in kwantu ghal:

- Tlett elef mitejn u tlieta u hamsin Euro u disa' u sebghin centezmu (€3253.79) bolla maqsuma in kwantu ghal €275.89 ghal

xaghrejn ta' impjieg fis-sena kalendarja 2005, €1620.68 ghas-sena kalendarja 2006 u €1357.21 ghal ghaxar xhur ta' impjieg fis-sena kalendarja 2007;

- Tmintax il-elf erba' mija u hamsa u trenin Euro u wiehed u disghin centezmu (€18.485.91) taxxa maqsuma in kwantu ghal €10,395.99 ghas-sena kalendarja 2006 u €8089.91 ghas-sena 2007.

4. Illi interpellata permezz ta' ittra ufficjali 5*80/08* sabiex thallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni direttament, jew alternattivament lill-mittent sabiex jhallas hu lill-imsemmi Dipartiment, is-somma hawn fuq msemmija ta' wiehed u għoxrin elf, seba mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin centezmu (€21,739.69) - gia disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm9332.85) ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija u sabiex tkun regolarizzata il posizzjoni tal-mittent mad-Dipartiment msemmi, s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi konsegwenza ta' tali inadempjenza da parti tas-socjeta intimata, ir-rikorrent issa jista' jigi mitlub illi jhallas penali u imghax fuq l-ammont dovut sabiex jirregolarizza l-posizzjoni u l-kontijiet tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kif ser jirrizulta fil-kors ta' din il-kawza, ghall-liema imghaxijiet u penali ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' intimata, in kwantu illi kien in-nuqqas taghha u taghha biss illi wassal ghal tali imghax u penali.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata kellha thallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin centezmu (€21,739.69) -gja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm9332.85), jew somma ohra verjuri li tista' tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mal-presentata ta' l FS3s tar-rikorrent Mario Formosa ghall-perjodu kollu ta' l-impjieg tieghu ma' l-istess socjeta intimata;

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew lir-rikorrent s-somma msemmija ta' wiehed u għoxrin eif, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin centezmu (€21,739.69) - gia disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm9332.85), jew somma ohra verjuri li tista' tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-ewwel talba, sabiex l-hlas tat-taxxa u l-bolla tar-rikorrent ghaz-zmien li l-istess rikorrent dam fl-impjieg tas-socjeta' intimata jigi regolarizzat ma' l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni;

3. Tikkundanna ukoll lis-socjeta' intimata thallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew lir-rikorrent s-somma li ser tigi likwidata u ppruvata fil-kors ta' din il-kawza u rapprezentanti imghaxijiet u penali mposti skond il-ligi mid-Dipartiment tat-Taxxi Intemi in kwantu illi ma sarx il-hlas tat-taxxa u l-bolla meta dovut fuq il-kont tar-rikorrent mad-Dipartiment msemmi.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra ufficiali tat-22 ta' Settembru 2008 (580/08), kontra s-socjetà konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent, inkluz dik ghad-danni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Forti Developments Limited illi eċċepiet:**

1. Preliminariament, il-preskrizzjoni ta' sena a tenur tal-Art. 2147 tal-Kap. 16;

2. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' intimata ma tistax tigi ordnata thallas xi ammonti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux parti fil-kawza u lanqas m'hu qieghed javvanza xi pretensjoni ghal xi hlas ta' xi ammonti dovuti;

3. Illi din il-kawza saret intempestivament, stante li mid-dicitura tar-rikors guramentat fl-ebda hin ma jirrizulta li fil-konfront tar-rikorrenti saret xi talba ghall-hlas ta' xi arretrati ta' taxxa jew inkella ta' penali u / jew imghaxxijiet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew

id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u ghalhekk is-socjeta' intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ebda ammont ma hu dovut lill-attur billi l-attur thalias *in tot*o skond il-ftehiem milhuq bejn il-partijiet u hekk attwat tul il-perijodu illi l-attur dam jippresta s-servizzi tieghu 'part-time'.

**Dikjarazzjoni tas-socjeta' intimata Forti Developments Limited.**

Tesponi bir-rispett u **Dr. Michael Caruana** (ID 27058 G) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' intimata jikkonferma bil-gurament:

1. Jiena direttur tas-socjeta' intimata u naf personalment il-fatti li jsegwu;

2. Illi s-socjeta' Forti Developments Limited qed tizviluppa Forti Chambray f'Ghajnsielem u dana taht id-direzzjoni ta' ditta ta' periti f'Malta; billi l-periti ta' din id-ditta ma setghux jinzlu Ghawdex fil frekwenza mehtiega, jiena ddecidejt illi nqabbad perit iehor biex ikun fuq is-sit ta' kostruzzjoni b'mod regolari sabiex isolvi xi diffikultajiet li l-kuntratturi jiltaqghu maghhom spiss;

3. Illi l-attur offra is-servizzi tieghu izda billi s-servizzi mitluba kienu ghall-perijodu limitat u l-attur ma kienx ippreparat illi jitlaq il-klijentela li huwa kellu, sar qbil illi l-presenza tal-attur fuq is-sit ta' kostruzzjoni tkun limitata ghal tlett nofs ta' nhari fil-gimgha u dana versu *retainer* ta' Lm1000 (illum €2329,37) fix-xahar;

4. Illi ftit granet qabel ma beda jippresta s-servizzi tieghu, l-attur talabni biex flok jibghat *invoice* bil-VAT ta' kull xahar, Forti Developments Limited tirregistrah bhala impjegat taghha. Jiena wegibtu illi dement illi ma kinitx taghmilli differenza fl-ammont li s-socjeta' tieghi kienet ser tinkorri cioe Lm1000 (€2329.37) fix-xahar u dana billi l-VAT ta' 18% kont nigborha lura, jiena ma kontx insib oggezzjoni. Jiena kont naf li l-attur kien jahdem ghar-rasu *(self employed)* u dan ikkonfermah l attur stess meta semmieli l-klijentela privata li kellu u li ma riedx

jabbanduna. Kien f'dan l-isfond illi l-attur gie rregistrat bhala impjegat taghha;

5. Illi fil-fatt, l-attur beda jircievi cekk ta' elf lira fix-xahar u inghata l-FS3 fil-bidu tas-sena 2006 (Dok FD 1 - ghall-hlas li rcieva fl-2005), u fil-bidu tas-sena 2007 (Dok FD 2 - ghall-hlas li rcieva fis-sena 2006) u wara li gie tterminat il-ftehiem (Dok FD 3 - ghall-hlas tas-sena 2007) u f'dawn l formoli moghtija lill-attur, jidher car illi fil-kaxxex fejn jitnizzel l *ami*nont ta PAYE u tan-National Insurance hemm NIL. L-attur konsapevoli b'dan, qatt ma ressaq ilment la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub u dana billi kollox kien qed isir skond il-ftehiem milhuq bejnitna;

6. Illi kien biss xhur twal wara li gie tterminat il-ftehiem illi l-attur baghat Ittra Uffiċjali taħt l-Art. 166A fejn semma ghall-ewwel darba illi huwa kien kreditur tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta resqet in-nota biex tirrespingi l-pretensjoni tal-attur'u kitbet ittra fejn spjegat ghaliex kienet qed tirrespingi tali pretensjoni.

**Rat in-nota tas-soċjetà konvenuta Forti Developments Limited** li ġiet ippreżentata nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar 2009 fejn l-istess soċjeta' ippreċiżat illi l-preskrizzjoni eċċepita fl-ewwel eċċezzjoni tagħha hija dik a tenur ta' l-artikolu 2147 paragrafu (c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà kjamata in kawża Fort Chambray Limited illi eċċepiet:**

1. Preliminarjament, it-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, dejjem mingħajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' kjamata in kawza ma tistax tigi ordnata thallas xi ammonti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux parti fil kawza u lanqas m'hu qieghed javvanza xi pretensjoni ghal xi hlas ta' xi ammonti dovuti;

[1] A fol 30 tal-process

3. Illi din il-kawza saret intempestivament, stante li mid-dicitura tar-rikors guramentat fl-ebda hin ma jirrizulta li fil-konfront tar-rikorrenti saret xi talba ghall-hlas ta' xi arretrati ta' taxxa jew inkella ta' penali u/ jew imghaxxijiet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ghalhekk is-socjeta' kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda ammont ma hu dovut lill-attur billi l-attur thallas *in toto* u ghas-saldu skond il Ftehim milhuq bejn il-partijiet u hekk attwat tul il-perijodu illi l-attur dam jippresta s-servizzi tieghu 'part-time';

5. B'riferenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat, imbaghad, s-socjeta' esponenti telenka s-segwenti fatti:

   (a) Is-socjeta' Fort Chambray Limited qed taghmel xoghol ta' zvilupp fil-Forti Chambray f'Ghajnsielem u dan taht id-direzzjoni ta' ditta ta' periti f'Malta. Billi l-periti ta' din id-ditta ma setghux jinzlu Ghawdex fil-frekwenza mehtiega, Dr Michael Caruana ghan-nom tas-socjeta' esponenti kien iddecieda illi jqabbad perit iehor biex ikun fuq is-sit ta' kostruzzjoni b'mod regolari sabiex isolvi xi diffikultajiet li l-kuntratturi jiltaqghu maghhom spiss;

   (b) l-attur offra s-servizzi tieghu izda billi s-servizzi mitluba kienu ghall-perijodu limitat u l-attur ma kienx ippreparat illi jitlaq il-klijentela li huwa kellu, sar qbil illi l-presenza tal-attur fuq is-sit ta' kostruzzjoni tkun limitata ghal tlett nofs ta' nhari fil-gimgha u dan versu *retaine*r ta' Lm1000 (illum €2329.37) fix-xahar;

   (c) ftit granet qabel ma beda jippresta s-servizzi tieghu, l-attur talab lid-direttur Dr Michael Caruana biex flok l-attur joqghod jibghat *invoi*ce bil-VAT ta' kull xahar, il-kumpanija tirregistrah bhala impjegat taghha. Il-kumpanija ma sabitx oggezzjoni ghal din it talba dment illi lilha ma kinitx se taghmlilha

differenza fl-ammont ta' hlasijiet li hija kienet se taghmel lill-attur fix-xahar. Il-kumpanija ma riditx li tohrog aktar minn elf lira Maltin (Lm1000)(€2329.37) fix-xahar. Bis-sistema ta' invoice bil-VAT il kumpanija kienet se tigbor t-tmintax fil-mija (18%) VAT lura u ghalhekk anke li kieku mal-ammont ta' elf lira Maltin (Lm 1000) kellha tizdied it-taxxa tal-VAT, effettivament il-kumpanija xorta kienet sejra tohrog biss l-ammont totali ta' elf lira Maltin (Lm 1000) in vista tar-rifuzjoni li hija kienet tinghata. Dr Michael Caruana kien jaf li l-attur kien jahdem ghar-rasu *(self employed)*. Dan ikkonfermah l-attur stess ma' Dr Caruana inniffsu meta semmielu li hu (cioe' l-attur) kellu l-klijentela privata li hu ma riedx jabbanduna. Kien f'dan l-isfond illi l-attur gie rregistrat bhala impjegat tal-kumpanija;

(d) L-attur beda jircievi cekk ta' elf lira Maltin (Lm 1000) fix-xahar u inghata wkoll l-FS3s relattivi ghall-impjieg tieghu. Fil-formoli moghtija lill-attur, jidher car illi fil-kaxxex fejn jitnizzel l-ammont ta' PAYE u tan-National Insurance hemm NIL. L-attur konsapevoli b'dan, qatt ma ressaq ilment la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub u dan billi kollox kien qed isir skond il-ftehim milhuq bejn il partijiet;

(e) Kien biss xhur twal wara li gie tterminat il-ftehim illi l-attur beda jippretendi li kellu jiehu xi flus minghand il-kumpanija. Tali pretensjoni pero' kienet indirizzata biss fil-konfront tas-socjeta' Forti Developments Limited u mhux fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza. Dan minkejja li l-attur kien registrat li kien impjegat ma' Fort Chambray Limited u mhux ma' Forti Developments Limited.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi li eċċepixxa:**

1. Illi permezz ta' sentenza tal-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell waslet għal konklużjoni illi: ... *l-ammont oggett tal-kontestazzjoni...* huwa '*ammont primarjament dovut skont il-ligi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u d Dipartment tat-Taxxi*

*Interni. Ghaldaqstant ghall-fini tal-integrità tal-gudizzju, kemm id Direttur tas-Sigurtà Soċjali, kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa kellhom ikunu imsejhin fil* kawza';

2. Illi fl-e*w*wel lok għall-fini ta' ġbir ta' Kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Socjali (K.S.S.) il-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi illi *'il-kelma Direttur tfisser id-Direttur Generali (Sigurtà Socjali) jew il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jew kull wieħed minnhom skont kif jitlob il-każ'*; u huwa l-Kummissarju tat-Taxxi, li assorba fih il-funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li llum huwa responsabbli mill-ġbir ta' Kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Soċjali (Klassi 1);

3. Illi fit-tieni lok, l-esponent m'hux edott mill-allegazzjonijiet kif esposti;

4. Illi dwar il-fatti, mir-*records* tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta illi l-Perit Mario Formosa, bin-numru tal-karta tal-identità 252069M, kien impjegat tas-soċjetà Forti Developments Limited (li għandha n-numru tal-P.E. 524227) bejn l-1 ta' Novembru 2005 u t-30 ta' Ottubru 2007, f'liema perjodu s-Soċjetà rrappurtat dħul f'ismu ta' Lm2,000 (fl 2005); ta' Lm12,000 (fl-2006); u ta' Lm10,000 (fl-2007) (kif jidher mid-dokumenti hawn annessi ummarkati bħala 'Dok. KTT 1'); Għall-istess perjodu, s-Soċjetà Forti Developments Limited issottomettiet il-formoli tal-*Final Settlement System Tax* (FS3s) tal-attur Mario Formosa għas-snin 2005 (li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. KTT2'), 2006 u 2007 (eżebiti mar-rikors promotur bħala 'Dok. B' u 'Dok. C') u għall-ebda sena ma tnaqqset taxxa u/jew kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali;

5. Illi sussegwentement, inkwantu l-konjugi Formosa naqsu milli jissottometti l-Formoli tat Taxxa personali tagħhom għas-snin in kwistjoni, fil-25 ta' Mejju 2018, l-esponent ipproċeda bil-ħruġ ta' 'Avviż ta' Likwidazzjoni (Originali)' għas-snin ta' stima 2006, 2007 u 2008 (snin bażi 2005, 2006 u 2007) dwar liema dwar liema ma sar l-ebda 'Avviż ta' Oggezzjoni' *a tenur* tal-Artikolu 33 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk illum l istejjem (*assessment*s) kif maħruġa mill-esponent huma finali u konklussivi;

6. Illi l-esponent Kummissarju tat-Taxxi joqgħod fuq id-dikjarazzjonijiet kif saru lilu filwaqt li jżomm ferm li l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward ta' taxxa li tirriżulta dovuta fuq id-dħul indikat għandha tiġi mħallsa;

7. Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi: 1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata kellha thallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disgħa u sittin centezmu (€21,739.69) – gja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM9332.85), jew somma ohra verjuri li tista' tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mal presentata tal-FS3s tar-rikorrent Mario Formosa ghall-perjodu kollu ta' l-impjieg tieghu ma' l-istess socjetà intimata; 2. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex thallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni <u>jew</u> lir-rikorrent s-somma msemmija ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€21,739.69) – gja disat elef tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (LM9332.85), jew somma oħra verjuri li tista' tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-ewwel talba, sabiex l-ħlas tat-taxxa u l-bolla tar-rikorrent għaż-żmien li l-istess rikorrent dam fl-impjieg tas-socjetà intimata jiġi regolarizzat mal-istess Dipartiment tat-Taxxi Interi; 3. Tikkundanna ukoll lis-soċjetà intimata tħallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni <u>jew</u> lir-rikorrent s-somma li ser tiġi likwidata u ppruvata fil-kors ta' din il-kawza u rappreżentanti mgħaxijiet u penali imposti skont il-liġi mid Dipartiment tat-Taxxi Interni in kwantu illi ma sarx il-ħlas tat-taxxa u l-bolla meta fuq il-kont tar-rikorrent mad-Dipartiment imsemmi;

8. Illi mis-suespost huwa ċar u manifest li l-atturi m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-esponent, li ġie intimat fil-proċeduri unikament '*ghall-fini tal-integrità tal gudizzju*', inkwantu l-mertu tal-vertenza bejn l-attur, il-Perit Mario Formosa, u l konvenuti, Forti Developments Limited (C-17128) u Fort Chambray Limited (C-12056), huwa dwar xi ftehim ta' impjieg kellhom bejniethom; Għalhekk, l-esponent Kummissarju għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

9. Ili fid-dawl tas-suespost huwa m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż;

10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti:**

Fliet l-atti kollha fl-intier tagħhom.

Rat l-employment history ta' l-attur Mario Formosa esebita permezz ta nota.[2]

Rat it-talba tas-soċjeta konvenuta sabiex tqajjem eċċezzjoni ulterjuri u r-risposta ta' l-attur.[3]

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba u ordnat il-kjamata in kawża tas-soċjeta Fort Chambray Limited.[4]

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta Fort Chambray Limited.

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet tat-18 ta' Lulju, 2013[5] u d-digriet tad-19 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti laqgħet it-talba sabiex isiru noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet stante d-dikjarazzjoni tal-għeluq tal-provi.[6]

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda.

---

[22] A fol 64 tal-process
[3] A fol 270 u fol 272 tal-process
[4] A fol 281 tal-process
[5] A fol 313 tal-process
[6] A fol 314 tal-process

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi.[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta konvenuta u l-kjamata in kawża.[8]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-partijiet.[9]

Rat is-sentenza tal-Qorti tat-18 ta' Frar, 2014.[10]

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Mejju, 2019.[11]

Rat li in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell ġew imsejħin fil-kawża d-Direttur tas-Sigurta Soċjali kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi.[12]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi.[13]

Rat li debitament notifikat id-Direttur tas-Sigurta Soċjali naqas milli jagħmel risposta ġuramentata.[14]

Rat li din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fil-5 ta' Marzu, 2021.[15]

**Ikkunsidrat:**

**i) Preliminari**

[7] A fol 318 tal-process
[8] A fol 355 tal-process
[9] A fol 369, per l-atturi u fol 372 per il-konvenuta u l-kjamata in kawza.
[1010] A fol 375 tal-process
[11] A fol 428 tal-process
[12] A fol 443 tal-process
[13] A fol 465 tal-process
[14] Ref fol 462 u 474 tal-process
[15] A fol 493 tal-process

Permezz ta' din il-kawża l-attur jgħid li huwa kien impjegat mas-soċjeta konvenuta sal-31 ta Ottubru, 2007. Jgħid li s-salarju tiegħu f'idejħ wara t-tnaqqis tat-taxxa u l-bolla kien ta €2329.37[16]. Jissokta li mill-formoli ta' FS3 (Final Settlement System - Payee Statement of Earnings) mibgħuta mis-soċjeta konvenuta lid-Dipartiment tat-Taxxi jirriżulta li s-salarju ta' €2329.37 ġie indikat bħala wieħed gross u ċioe li jinkludi t-taxxa u bolla. Dan ifisser li s-soċjeta konvenuta ma ħallset l-ebda taxxa u lanqas bolla lid-dipartiment konċernat u allura huwa spiċċa skopert f'dawk il-ħlasijiet għal perjodu kollu li kien impjegat magħha.

Jisħaq illi l-ammont dovut qua taxxa u bolla huwa ta' €21,739.69. Jgħid li huwa bagħat ittra uffiċjali lis-soċjeta konvenuta sabiex taffettwa il-ħlas ta' din is-somma lid-dipartimenti konċernati iżda dina baqgħet inadempjenti. Jgħid li tort ta' dan kollu huwa spiċċa espost għal ħlas ta' penali u imgħax għal ammont dovut. Jisħaq illi dawn il-penali u imgħaxijiet għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjeta konvenuta.

Da parti tagħha is-soċjeta konvenuta tilqa' għat-talbiet attriċi[17] billi fl-ewwel lok teċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur ta l-Artikolu 2147 (c) tal-Kap 16. Subordinament tgħid li ġia la darba d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma huwiex parti fil-kawza u anqas m'huwa javvanza xi pretensjoni, allura fl-ewwel lok hija ma tistax tiġi ordnata tħallsu mentri fit-tieni l-kawża saret intempestivament. Tinsisti li ebda ammont ma hu dovut minn naħa tagħha u dana billi l-attur tħallas l-ammont kollu kif miftiehem bejn il-partijiet tul il-perjodu li kien jaħdem magħha *part-time*.

**ii) Provi**

**Xhieda**

**L-Avukat Dr. Michael Caruana** għas-soċjeta konvenuta xehed permezz ta' affidavit.[18] Jgħid li huwa direttur tas-soċjeta konvenuta. Jgħid li s-

[16] Ekwivalenti ghal LM1000
[17] A fol 16 tal-process
[18] A fol 32 tal-process

soċjeta konvenuta qed tiżviluppa l-Forti Chambray, Għawdex u kellha bżonn perit li jkun aċċessibbli u ta' spiss fuq is-sit sabiex isolvi l-problemi li jinsorġu. Jgħid li l-attur ġie mpjegat għal dan il-għan u dan kien jitla Għawdex xi tlett darbiet fil-ġimgħa, nofs ta' nhar kull darba. Jgħid li l-paga mifthiema kienet ta' Lm1000 gross fix-xahar. Jgħid li l-partijiet kienu ftiehmu li s-soċjeta konvenuta kellha tgħaddi is-somma bħala *lump sum* lill-attur u hi ma jkollha x'taqsam xejn ma taxxi u bollol.

Jgħid li l-attur beda x-xogħol fl-1 ta Novembru, 2005. Jgħid li s-somma ta' Lm1000 kienet tingħatalu fl-aħħar ta' kull xahar u dan qatt ma ilmenta. Jgħid li l-attur dam impjegat mal-konvenuta sal-31 ta Ottubru, 2007.

Jgħid li l-ewwel darba li s-soċjeta konvenuta uffiċjalment saret taf li l-attur kien qed jippretendi ħlas aktar kien meta rċeviet l-ittra ta' l-attur tat-22 ta' Settembru, 2008.

Jinsisti li t-talbiet ta' l-attur huma preskritti billi huwa kien jitħallas mensilment. Jgħid li l-uniċi ħlasijiet li ma humiex kolpiti bil-preskrizzjoni huma dawk li saru bejn il-25 ta Settembru u l-aħħar ta' Ottubru, 2007.

In **kontro ezami mill-abbli difensur tal-attur**[19] jgħid li l-ftehim kien li l-attur jingħata Lm1000 gross kull xahar. Jgħid li qatt ma kien hemm ftehim sabiex il-konvenuta tħallas it-taxxa u l-bolol. Mistoqsi dwar l-obbligu tal-prinċipal li jħallas it-taxxa u l-bolla ta' l-impjegati tiegħu jgħid li huwa jaf li dan huwa obbligu.

Jgħid li l-ftehim ma' l-attur iżda ma kienx hekk. Jikkonferma li ma hemmx ftehim bil-miktub. Jinsisti li ma l-attur il-ftehim kien differenti minn ta' impjegati oħra.

[19] A fol 58 tal-process seduta tas-26 ta Marzu, 2010

Rigward l-FS3 jinsisti li dak iddikjarat kien l-ammont li kellhom jagħtuh. Mistoqsi għaliex ma tħallsitx it-taxxa u l-bolla jtenni li dak il-ftehim bejn il-partijiet.

Jgħid li l-formoli ta' l-FS3 jimliehom ħuħ Frankie u dan aġixxa fuq l-informazzjoni li għaddhielu hu dwar dak miftiehem. Jinsisti li l-ftehim kien li jagħtu lill-attur Lm1000 gross fix-xahar u ma jkollhom x'jaqsmu xejn ma taxxa u bolla.

Jgħid li għalkemm fl-affidavit tiegħu qal li l-ewwel darba li s-soċjeta konvenuta uffiċjalment saret taf bil-pretesnjoni tal-attur kien bl-ittra tat-22 ta' Settembru 2008, l-attur ġieli kellmu fuq l-FS3. Jinsisti li kienu jgħadduhomlu lill-attur. Jikkonferma li l-attur kien jitolbu l-formoli sabiex ikun jista jimla r-rendikont tat-taxxa u hu kien jinforma lil ħuħ jew lil martu Pauline biex jagħtihielu. Jgħid li sa fejn jaf hu martu kienet tgħaddi lill-attur din il-formola.

Mistoqsi jekk bejn meta l-attur telaq mill-impjieg magħhom u meta rċevew l-ittra uffiċjali tiegħu, l-attur kienx semma miegħu l-pretensjonijiet li kellu, jgħid li l-attur kien qal li huma kellhom iħallsulu t-taxxa.

**Fuq mistoqsijiet ta' l-abbli difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi**[20] jikkonferma li l-attur kien impjegat mas-soċjeta konvenuta u mhux *part time* u li Lm1000 kienu gross f'idejn l-attur. Jtenni li skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet is-soċjeta konvenuta ma kienitx responsabbli mill-ħlas tat-taxxa u bolla. Jtenni li ma kien hemm l-ebda kuntratt miktub bejn il-partijiet iżda ftehim bil-fomm.

Jgħid li l-ħlas lill-attur kien ta' Lm1000 fix-xahar u li l-attur qatt ma tagħhom *invoice*.[21] Jtenni li l-kuntratt ta' l-attur kien *full time, indefinite* u bħala *project manager*.[22] Jikkonferma wkoll illi l-prinċipal kienet is-soċjeta

[20] A fol 507 tal-process
[21] A fol 519 tal-process
[22] A fol 521 tal-process

konvenuta Forti Developments Limited. Imbgħad jgħid li l-employer ta' l-attur kienet is-soċjeta Fort Chambray Limited. Jgħid li dawn il-kumpaniji huma kollha parti fl-istess proġett u għalhekk ma hux importanti jekk l-attur kienx impjegat minn soċjeta waħda jew l-oħra billi huma kollha kellhom x'jaqsmu ma l-istess xogħol u jirrikonxxu lill-attur Perit Mario Formosa bħala impjegat tagħhom.

**Frankie Caruana**, xehed ukoll permezz ta' affidavit.[23] Jgħid li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta konveuta. Jgħid li sitt xhur qabel ma' l-attur temm l-impjieg tiegħu mas-soċjeta konvenuta kien avviċinah u staqsieħ x'kien qed isir mit-taxxa u l-bolla u huwa infurmaħ illi l-ftehim kien li s-soċjeta konvenuta tħallsu Lm1000 gross. Jinsisti li l-attur ma qallu xejn aktar u kompla jieħu l-paga ta' Lm1000 sakemm temm l-impjieg tiegħu f'Ottubru, 2007. Jgħid li mbagħad l-attur bagħat ittra f'Settembru, 2008 sabiex il-kumpanija tħallas il-bolla u t-taxxa tiegħu.

**In kontro ezami[24]** xehed illi huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta konvenuta. Jgħid li ħuħ Dr. Michael Caruana jieħu ħsieb l-immaniġjar tal-kumpanija u jżommu nfurmat b'dak li jkun qed jiġri. Jgħid li kien jaf bl-impjieg ta' l-attur.

Jinsisti li ħuħ kien infurmah li lill-attur kienu ser jagħtuh Lm1000 fix-xahar u ma jkollhom x'jaqsmu ma xejn aktar. Li mbagħad iħallas kollox hu. Rigward ir-reġistrazzjoni tal-attur mal-ERTC jgħid li huwa kien iffirma sabiex jimpjegawh. Jgħid li lill-attur ma kienu jnaqqsulu xejn bħala taxxa u bolla. Kienu jagħtuh Lm1000 fix-xahar u daqshekk. Jgħid li lill-ħaddiema l-oħra kienet tinżammilhom il-bolla, pero lill-attur le. Jikkonferma li s-soċjeta konvenuta ma ġabet l-ebda eżenzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali biex ma tiġborx it-taxxa u l-bolla dovuta mill-attur.[25]

---

[23] A fol 41 tal-process
[24] A fol 70 tal-process, seduta 4 ta Gunju, 2010
[25] A fol 76 u 77 tal-process

Rigward il-formoli ta' l-FS3 jgħid li dawn kienu jimtlew u jintbagħatu lid-Dipartiment. Jgħid li kopja ta' din il-formola kienet tintbgħat lill-attur ukoll, bil-posta.

Jikkonferma li xi sitt xhur qabel temm l-impjieg l-attur kien mar isaqsieħ dwar il-ħlas tal-bolla pero hu nfurmaħ li kienu qed iħallsuħ Lm1000 fix-xahar. Jgħid ukoll li l-attur dam sitt xhur oħra jitħallas biċ-ċekk ta' Lm1000 wara din il-konverzazzjoni. Iżid li huwa ma ndagax aktar fuq dan għaliex huwa baqa jifhem li l-ħlas lill-attur kien ta' Lm1000 fix-xahar u daqshekk.

**L-attur il-Perit Mario Formosa** xehed viva voce.[26] Jgħid li s-soċjeta konvenuta impjegatu fil-bidu ta' l-2005 bħala impjegat tagħhom. Jgħid li kienu anke irreġistrawħ ma l-ETC bħala mpjegat tagħhom. Jinsisti li l-ftehim kien li huwa jitħallas Lm1000 fix-xahar netti f'idejh. Jgħid li ftehim sar ma Dr. Michael Caruana. Il-paga kien jeħodha kull xahar u s-servizz kien itiħ kif mistħoqq.

Rigward l-FS3 jgħid li huwa kien jitlobha lir-rapprezentanti tas-soċjeta konvenuta iżda huma kienu jgħidulu li dik jagħtuhilu fl-ahhar. Jgħid li kien impjegat sa l-aħħar ta' Ottubru, 2007. Jgħid li meta spiċċa mill-impjieg mar id-Dipartiment tat-Taxxa għaliex baqa ma rċeviex l-FS3 li kellu bżonn. Jgħid ukoll li d-Dipartiment stess kiteb lill-konvenuta sabiex tirrilaxxa l-FS3 li huwa rċieva biss xi xahar wara dan. Iżid illi kien biss f'dan il-mument li huwa skopra li s-soċjeta konvenuta bħala employer ma kenietx ħallset it-taxxa u l-bolla tiegħu. Jgħid li infatti fuq l-FS3 kitbu li Lm1000 huma gross u mhux net f'idejħ.

Jgħid li wara li temm l-impjieg mal-konvenuta kellem ukoll lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u dan id-Dipartiment kiteb lis-soċjeta konvenuta u wissieha li jekk ma kenietx ser tirrilaxxa l-FS3 lill-attur kienu ser jittieħdu proċeduri legali kontriha.

---

[26] A fol 49 tal-process, Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010.

Jgħid li l-Lm1000 netti hadhom mil-bidu sal-aħħar tal-impjieg tiegħu mal-konvenuta u li minnhom huwa kien ikopri l-ispejjeż tal-vapur, mobile u fuel. Jgħid li dan il-ftehim kollu sar bil-fomm u xejn bil-miktub. Jinsisti li ma jaqbilx max-xhieda ta' Dr Michael Caruana fejn dan qal li l-ħlas kien gross u mhux nett. Jinsisti wkoll li t-taxxa u bolol kellhom jiżdiedu mal-Lm1000.

Jinsisti li l-ftehim sar ma Dr Micheal Caruana u ma Frankie Caruana qatt ma tkellem rigward kundizzjonijiet tax-xogħol. Jinsisti li ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni ta' Frankie Caruana li s-soċjeta konvenuta ma kellu jkollha xejn x'taqsam ma taxxa u bolla.

Jerġa jikkonferma li huwa sar biss jaf bil-fatt li t-taxxa u l-bolla tiegħu ma kienitx tħallset mill-konvenuta bħala d-datur tax-xogħol tiegħu meta huwa spiċċa l-impjieg tiegħi minn magħha f'liema stadju huwa ra għall-ewwel darba l-FS3 relevanti.

Jgħid ulterjorment li meta nduna bil-problema u tkellem ma Dr Caruana dan qallu li huwa ma kienx ser joqod iħallas taxxa tan-nies u għalhekk irrikorra għal-Qorti.

In **kontro eżami** jixhed li ġieli kien impjegat qabel. Jtenni li l-ftehim kien dejjem kien li jkollu Lm1000 netti f'idejħ. Jgħid li meta kien jimla r-rendikont tat-taxxa kull sena kien jitlob l-FS3 lil Dr Michael Caruana iżda kien kollu għalxejn. Jgħid li billi mingħajr l-FS3 ma tistax iddaħħal ir-rendikont tat-taxxa huwa ma daħħalhomx. Jgħid li weħel penali billi ma daħħalx dawn ir-rendikonti. Jgħid li huwa ta' sikwiet talab id-dokument tal-FS3 ma s-socjeta konvenuta iżda qatt ma għamel pressjoni billi kellu relazzjoni tajba mas-soċjeta konvenuta.

Rigward ix-xogħol jgħid li meta kien hemm bżonn kien jaħdem 40 siegħa imma bejn wieħed u ieħor kien jaħdem tlett ijiem fil-ġimgħa. Jgħid li

għalkemm beda jaħdem fil-bidu tas-sena 2005, is-soċjeta konvenuta daħħlet il-karti l-ETC f'Novembru ta' dik is-sena.

Dwar ir-rendikonti tat-taxxa jgħid li dawn għadhom pendenti billi l-FS3 qatt ma waslu għandu meta mitluba. Jikkonferma li huwa kien tkellem mal-konvenuta bil-fomm iżda l-ewwel darba li talabha dak dovut minnha f'taxxa u bolla kien fit-22 ta Settembru, 2008, bl-ittra uffiċjali tiegħu.

**Fil-kontinwazzjoni tal-kontro eżami**[27] jtenni li huwa beda jaħdem fil-proġett ta' Chambray fi Frar/Marzu tas-sena 2005. Jgħid li huwa kien ftiehem ma Dr Michael Caruana li jaħdem tlett ijiem fil-ġimgħa billi kellu impenji oħra. Jgħid li kien qed jaħdem xogħol iehor minbarra dak mas-soċjeta konvenuta. Jgħid li kellu amment li kien jaħdem aktar minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa.

Rigward il-paga jgħid li dejjem irċieva Lm1000. Jinsisti li l-ftehim mas-soċjeta konvenuta kien li jkollu f'idejħ Lm1000 netti u dan wara kull tnaqqis li s-soċjeta setgħet tkun obbligata li tagħmel.

Jgħid li dwar it-tnaqqis ta' taxxa u bolla huwa qatt ma ivverifika jekk kienux qed isiru mis-soċjeta konvenuta. Jinsisti li huwa kien jitlob il-formoli ta' l-FS3 lil Dr. Caruana li kien jgħidlu li ser ikellem lil ħuħ Frankie u ser jibgħathomlu. Jgħid li huwa ma kienx jinsisti li jingħatawlu sabiex ma jxellifx ir-rapport tajjeb li kellu mall-prinċipal tiegħu. Jgħid ukoll li l-FS3 ġabarhom wara li temm l-impjieg mas-soċjeta konvenuta.

Jiċħad illi qatt irċieva l-formoli tal-FS3 id-dar bil-posta. Rigward leave jgħid li prattikament ma ħax leave għax il-ġranet li ma kienx jmur għax-xogħol kien ipattihom bi ġranet oħra.

[27] A fol 252 tal-process, seduta tal-15 ta' Marzu, 2012.

**Eżaminat mill-abbli difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi kjamat fil-kawża** jgħid[28] illi x-xogħol li kellu mas-soċjeta konvenuta kien impjieg *full time* u li jitħallas Lm1000 fix-xahar. Jgħid li l-ftehim kien li jitla madwar tlett darbiet fil-ġimgħa u li ma kienx ser jaħdem erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa.

Għal darb oħra jgħid li minbarra x-xogħol mall-kumpanija konvenuta huwa kien jagħmel xogħol ta' perit *freelance.* Rigward il-VAT number jgħid li dan kien jużaħ fil-konfront tax-xogħol li kien jagħmel *freelance*. Kien jitħallas kull xahar mis-soċjeta konvenuta.

Rigward ħlas ta' bolla fuq ix-xogħol *freelance* jgħid li ma kienx iħallas bolla billi ma kienx jingħata l-FS3 mis-soċjeta konvenuta u għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jikkalkula l-ammont dovut *qua* taxxa u bolla.

Jtenni li ma kienx ġie, mogħti l-FS3s u għalhekk mar id-Dipartiment tat-Taxxa u dawn minn naħa tagħhom bagħtu ittra lil prinċipal, is-soċjeta konvenuta biex javzawha li kellha tibagħtlu l-FS3s. Jgħid li huwa kien għejja jitlobhom lill-Prinċipali tiegħu u għalhekk irrikorra għand id-Dipartiment.

Fix-xhieda tiegħu ta' nhar l-4 ta Marzu 2022[29] jkompli billi jiċċara li huwa kien qed jiġri wara l-FS3 dovuti lilu u li rigward id-dokument li l-prinċipal kellu jgħaddi lid-dipartiment din ma kienx jidhol fiha, dik bejn il-prinċipal u d-dipartiment. Jgħid li dawn kellu bzonnhom sabiex hu jagħmel id-dikjarazzjonijiet tiegħu. Jgħid li kieku ingħata l-formola ta' l-FS3 kien jinduna li s-soċjeta konvenuta qed tiddikjara li l-ammont ta' Lm1000 huwa gross u mhux nett iżda billi ma tawħ l-ebda dokument ma kienx jaf x'qed jiġi dikjarat. Jgħid li l-iżball li għamel hu li kien jafdaħ lil Dr Caruana.

[28] A fol 496 tal-process
[29] A fol

Jgħid ukoll li l-paga kienet tkun b'ċekk. Lanqas payslip ma kien jkollu. Jtenni li l-ftehim ma Dr Caruana kien li jaħdem full time, u li f'idejħ wara li jinqatgħu it-taxxa u l-bolla jkollu Lm1000 netti. Jispejga li fuq dan ix-xogħol ma kienx jħallas VAT għax huwa kien impjegat mas-soċjeta konvenuta. Rigward is-sigħat li kien jaħdem jispjega li l-ftehim qatt ma kien li jaħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

**Pauline Caruana** prodotta mis-soċjeta konvenuta xehdet[30] li hija tiġi l-mara ta' Frankie Caruana u li ilha tieħu ħsieb il-formoli tat-taxxa ta' l-impjegati għal 22 sena. Tgħid li qabel ħadmet mad-Dipartiment tat-Taxxi għal 10 snin. Tgħid li wara li kienet timla l-formoli kollha kienet tibgħat kollox lid-Dipartiment tat-Taxxi u kienet tibgħat ukoll kopja tagħhom bil-posta lill-impjegati.

Rigward l-attur tgħid li dan beda jaħdem magħhom fl-1 ta Novembru, tas-sena 2005 u spiċċa fil-31 ta Ottubru 2007. Tgħid li Dr. Michael Caruana kien għarrafha li l-Perit kien ser ikollu ħlas ta' Lm1000 fix-xahar iżda bolla u taxxa ma għandhomx x'jaqsmu magħha. Tgħid li l-impjegati l-oħra kienet titħallsilhom il-bolla u t-taxxa normali, kif suppost.

Tgħid li l-formola lill-attur kienet tibagħthielu fl-indirizz tiegħu Triq Għajn Dwieli, Paola. Tgħid li fil każ ta' l-attur is-somma ta' Lm1000 kienet waħda fissa tant li lanqas kien sar aġġustament ta' l-ogħli tal-ħajja.

**Boris Xerri** prodott mill-atturi jixhed[31] illi huwa *Business Consultant*. Jiddeskrivi il-proċess li għamel sabiex ikkalkula l-ammont ta' bolla dovuta mill-attur fuq il-paga li kien qed jieħu mis-soċjeta konvenuta. Jispjega li billi l-attur kellu paga ta' Lm1000 fix-xahar, il-bolla li kienet dovuta fuq dan l-introjtu fis-sena 2005 kellha tkun ikkalkolata fuq il-massimu ta' Lm13.16 fil-ġimgħa, bl-attur u l-konvenuta t-tnejn iħallsu total ta' Lm118.44 dovut bħala bolla minn kull wieħed, ossia l-attur iħallas Lm118.44 u l-prinċipal l-istess valur.

---

[30] A fol 86 tal-process, seduta 4 ta' Gunju, 2010
[31] A fol 97 tal-process, seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Fis-sena ta' wara, cioe` 2006 il-bolla dovuta mill-attur kienet ta' Lm695.76 u l-prinċipal ried iħallas l-istess ammont da parti tiegħu.

Jispjega wkoll li fis-sena 2007 il-bolla dovuta mill-attur kienet ta' Lm582.65 u l-prinċipal ried iħallas l-istess ammont da parti tiegħu.

Jgħid li meta ħadem b'lura ghas-sena 2006, li kieku t-taxxa u bolla kellhom jitħallsu mill-attur il-paga tiegħu kellha tkun ta' Lm17,160 sabiex wara t-tnaqqis ta' bolla u taxxa jibaqgħlu f'idejħ Lm12,000. Bl-istess mod, għas-sena 2007 il-paga kellha tkun ta' Lm14,000.

Jispjega li l-prinċipal irid jħallas lill-impjegat salarju gross li minnu mbagħad jitnaqqas it-taxxa u l-bolla. Jgħid li paga nett tfisser dak l-ammont ta' paga li minnu jkunu diġa tnaqqas it-taxxa u l-bolla u li jaqbad impjegat f'idejh. Jispjega li huwa il-prinċipal li huwa responsabbli li jiġbor it-taxxa u l-bolla u għalhekk il-prinċipal irid inaqqas dawk l-ammonti ta' taxxa u bolla mis-salarju ta' kull impjegat tiegħu.

Rigward il-formoli jgħid li hemm waħda FS5 li hija is-sommarju li l-prinċipal jibgħat lid-Dipartiment tat-Taxxi. F'din il-formola il-prinċipal iniżżel l-ammont totali ta' paga gross li ħallas lil impjegati tiegħu, l-ammont totali ta' taxxa li qata' minn dawk il-pagi u l-ammont totali ta' bolla li qatgħa mill-pagi gross. Il-flus imnaqqsa mill-pagi iridu jintbagħatu lid-Dipartiment tat-Taxxi premezz ta' ċekk.

Jgħid ukoll li fl-ahhar tas-sena l-prinċipal jrid joħroġ ukoll il-formola FS3 għal kull impjegat u jindika dak l-impjegat kemm tħallas paga, *overtime, bonuses* u *allowances* oħra. Irid ukoll jindika kemm qatgħa taxxa tad-dħul, kemm qatgħa bolla u kemm ħallas bolla l-prinċipal. Kopja ta' din il-formola trid tintbagħat lill-impjegat.

Mistoqsi janalizza il-formoli FS3 ta' l-attur eżebiti mil-konvenuta mar-risposta ġuramentata tagħha jgħid li hemm informazzjoni nieqsa. Jispjega wkoll li minn dawn il-formoli jidher li la ġie mnaqqsa taxxa u lanqas bolla. Jispjega li għalkemm jista' jkun li ma tkun dovuta l-ebda taxxa iżda dan ma japplikax għal bolla billi din trid titħallas anke jekk ma tkunx dovuta taxxa u dan billi l-attur kien irreġistrat bħala impjegat *full time* u allura bilfors trid titħallas bolla kif kalkolati minnu fid-dokument eżebit minnu bħala BX6. Jispjega li bejn jekk inqatatx u tħallsitx bolla hemm differenza u li l-obbligu għall-ħlas huwa tal-prinċipal.

**George Cremona għad-Direttur Tas-Sigurta Soċjali** prodott mill-atturi xehed[32] li ai termini ta' l-Artikolu 8(1) tal-Kap. 318, l-Att dwar is-Sigurta Soċjali huwa l-prinċipal li jrid jħallas kemm il-kontribuzzjoni dovuta minnu kif ukoll f'isem u b'eskluzzjoni tal-persuna impjegata u dan rigward persuna li tkun impjegata fuq kuntratt indefinit. Jgħid li l-onus huwa fuq il-prinċipal.

Rigward il-ġbir ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali jgħid li f'Jannar ta' l-2006 il-kollettur ta' din il-kuntribuzzjoni sar il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-inforzar huwa f'idejħ ukoll. Jghid ukoll li l-kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi, jigifieri dawk li jingabru mill-principal f'isem persuna mpjegata, ukoll jaqaw taht ir-responsabbilita tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**Spiru Formosa għal-Kummissarju tat-Taxxi Interni** prodott mill-atturi xehed[33] illi min iħaddem irid jiġbor it-taxxa u l-bolla kull xahar. Jgħid li dan huwa obbligu tal-prinċipal. Jgħid li min iħaddem irid jimla l-formola FS5. Din il-formola turik l-ammonti globali ta' taxxa u bolol miġbura mill-prinċipal għall-impjegati kollha tiegħu. Il-formola FS3 hija formula li timtela għall kull impjegat. Jgħid li jekk impjegat huwa impjegat full time allura trid titniżżel il-bolla mħallsa. Jispjega li dan l-obbligu joħroġ mill-liġi sussidjarja 372.14, il-**Final Settlement System FSS Rules.**

[32] A fol 206 tal-process, seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

[33] A fol 211 tal-process, seduta 26 ta Jannar, 2012

**Marcel Bonnici** prodott mill-atturi xehed[34] illi mir-rekords ta' l-ETC jirriżulta li l-attur kien impjegat ma Fort Chambray Limited mill-1 ta' Novembru 2005 sal-31 ta Ottubru 2007 abbażi ta' indefinite contract u fuq full-time basis. Jgħid li d-*declaration of commencement of employment* imtliet mill-attur u mis-socjeta Fort Chambray Limited u hija ffirmata mill-attur kif ukoll rappreżentant ta' Fort Chambray Limited li għalhekk jaqblu mal-kontenut tagħha.

**Emmanuel Mangion** Manager II (Accounting and Finance) fi ħdan is-Sezzjoni ta' Ġbir tal-Uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi xehed permezz ta' affidavit.[35] Jgħid li mir-rekords li jinżammu mill-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li l-attur kellu dħul minn għand is-soċjeta konvenuta jammonta għal Lm2000 fl-2005, Lm12,000 fl-2006 u Lm10,000 fl-2007. Jgħid li dan huwa skond kif dikjarat mill-istess konvenuta.

Ikompli li s-soċjeta konvenuta issottemettiet il-formoli FS3 u FS7 għal dan il-perjodu kollu. Dawn il-formoli kienu jinkludu d-dħul ta' l-attur u li mill-istess rekords jirriżulta li s-soċjeta la ħallset taxxa u lanqas bolla ta' l-attur.

Jgħid li bħala persuna taħdem għal rasha, l-attur Perit Mario Formosa ma setgħax jagħmel *part-time* bħala impjieg u għalhekk il-formola FS3 li fiha jirriżulta li ma sar l-ebda tnaqqis ta' bolla u taxxa kienet aċċettabbli.

Jgħid li d-dħul kellu jiġi dikjarat mill-attur u jgħid ukoll li dan kellu numru ta' VAT u għalhekk kien meqjus li jaħdem għal rasu. Jgħid ukoll li l-attur u l-konjuġi tiegħu naqsu milli jibgħatu l-formoli tat-taxxa u għalhekk il-Kummissarju ħareġ numru ta' Avviz ta' Likwidazzjoni għas-snin stima 2006, 2007 u 2008 jiġifieri għas-sena bażi 2005, 2006 u 2007. Jinsisti li għal dawn l-avviżi ma saret ebda oġġezzjoni u għalhekk illum l-ammont ta' taxxa dovuta huwa finali u konklussiv.

---

[34] A fol 218 tal-process, seduta tas-26 ta Jannar, 2012

[35] A fol 477 tal-process

**In kontro eżami** jgħid[36] li l-prinċipal kien Forti Developments Limited u dan mid-dokumenti sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxa. Jgħid li ġie konkluż li l-attur kien *self employed* mill-fatt li kellu numru tal-VAT. Jgħid li lanqas ma jirriżulta li kien jaħdem *part time* u lanqas ma kien reġistrat bħala *non filer*. Jgħid li bħala dipartiment kienu jqisu li d-dħul li l-attur kellu mill-impjieg mas-soċjeta konvenuta kien dħul ulterjuri billi huma qiesuħ *self employed* u dan minħabba li kellu numru tal-VAT.

Jiċċara illi persuna li tkun *self employed* tista tagħmel xogħol *part time* pero trid tiddikjarah. Jgħid li meta daħlet l-FS3 mingħajr taxxa u bolla maqtugħa d-Dipartiment qies dak id-dħul bħala wieħed ulterjuri għad-dħul ta' l-attur. Jgħid li din kienet assunzzjoni tad-Dipartiment.

Jispjega li d-Dipartiment ma jindagax dwar ftehim li seta jkun hemm bejn l-impjegat u l-prinċipal tiegħu. Jgħid li l-*assessment* huwa *self assessment* fejn ikun hemm formula FS4 u hemm il-partijiet jaqblu rigward it-tnaqqis tat-taxxa, x'tip ta' tnaqqis għandu jkun hemm. Jgħid li din il-formola ma rriżultatx li ntbagħtet lid-Dipartiment.

Mistoqsi min għandu l-obbligu li jħallas it-taxxa meta jkun hemm impjieg *full time* indefinit, jgħid li l-obbligu huwa fuq il-prinċipal.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din l-istanza l-atturi qed jitolbu li s-soċjeta' intimata flimkien ma dik kjamata fil-kawża, jiġu ordnati jħallsu direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jew alternattivament lilhom sabiex huma mbagħad iħallsu lill-istess Dipartiment, is-somma indikata fir-Rikors Ġuramentat jew somma verjuri rappreżentanti t-taxxa dovuta fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għall-perjodu li l-attur, il-Perit Mario Formosa, dam impjegat magħhom bħala *project manager* fuq il-proġett ta' Fort Chambray, Għawdex.

[36] A fol 531 tal-process

Is-soċjeta' intimata flimkien ma dik kjamata fil-kawża it-tnejn laqaw għal din it-talba billi opponew kemm preliminarjament, fejn eċċepew il-preskrizzjoni, kif ukoll fil-mertu.

L-argument prinċipali jitratta n-natura tal-ħlas li kien isir mensilment lill-attur, il-Perit Mario Formosa.

Hemm qbil li s-soċjetajiet parti f'din l-istanza, jew minn minnhom, kienu jħallsu lil attur Perit Mario Formosa is-somma ta' Lm 1000 fix-xahar. Il-punt li m'hemmx qbiel fuqu huwa jekk l-istess Lm 1000 kienux intiżi bħala paga gross, kif jallegaw is-soċjetajiet involuti, jew paga nett, kif jinsisti l-attur.

Id-diffikolta f'dan il-każ hija li ma jeżistix kuntratt ta' xogħol miktub. Pero, dana ma jirrendiex lil din il-Qorti inkapaċi milli tħares lejn il-liġijiet rilevanti sabiex tagħmel stipulazzjonijiet ibbażati fuq id-diċitura tagħhom li tapplika f'dan il-każ, tenut kont tal-fatti ppruvati jew mhux ikkontestati.

Din il-Qorti sejra għalhekk tindika dawk l-artikoli tal-liġijiet nostrani li japplikaw għal dan il-kaz:

**DRITT.**

**Liġi Sussidjarja 372.14, Regoli dwar Final Settlement System (FSS) Artikolu 15(1):**

**15.(1) Kull pagatur għandu, sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.**

**Artikolu 2 tal-istess Att:**

**"emolumenti" tfisser:**

**[...]**

**(i) kull income, inkluż kull benefiċċju minn kariga jew impieg, suġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u kull income eżenti taħt l-artikolu 12 tal-imsemmi Att li kien ikun suġġett għat-taxxa taħt l-imsemmi artikolu 4(1)(b) kieku mhux għall-eżenzjoni msemmija;**

**[...]**

**"pagatur" tfisser kull persuna li tħallas l-emolumenti jew li titqies li tħallas l-emolumenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income jew ta' regoli magħmulin taħt dak il-paragrafu, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi dipartimenti tal-gvern, persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom;**

**Kapitolu 318, Att dwar is-Sigurta Socjali, Artikolu 8(1) u (2)**

**8.(1) Il-prinċipal għandu, fl-ewwel każ, ikun dovut iħallas kemm il-kontribuzzjoni dovuta minnu kif ukoll, f'isem u b'esklużjoni tal-persuna mpjegata, il-kontribuzzjoni dovuta minn dik il-persuna u, għall-finijiet ta' dan l-Att, kontribuzzjonijiet imħallsa mill-prinċipal f'isem l-impjegat għandhom jitqiesu li jkunu kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna mpjegata.**

**(2) Minkejja kull kuntratt jew ftehim għall-kuntrarju, principal ma għandux ikun intitolat li jnaqqas mill-pagi jew minn rimunerazzjoni oħra ta' persuna mpjegata minnu, jew xort'oħra li jikseb lura mingħand dik il-persuna l-kontribuzzjoni li titħallas minnu dwar dik il-persuna; u kull prinċipal li jnaqqas jew jipprova jnaqqas il-kontribuzzjoni kollha jew xi parti minnha dovuta minnu dwar dik il-persuna mill-pagi jew minn rimunerazzjoni oħra ta' dik**

**il-persuna, jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jeħel, meta jinstab ħati dwar kull reat bħal dak, multa.**

**Kapitolu 452, Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, Artikolu 2:**

**"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;**

**Kapitolu 16, Artikolu 2147(c):**

**2147. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena: [...]**

**(ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu.**

**Ikkunsidart ulterjorment:**

Tenut kont tal-artikolu tad-dritt nostran iċċatati hawn aktar il-fuq, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-fatti ta' dan il-każ għall-istess.

Il-Qorti tibda sabiex tindaga min mis-soċjetajiet konvenuta Forti Developments Limited jew kjamata Fort Chambray Limited kellhom ikunu responsabbli għal-ħlasijiet rikjesti mid-dipartimenti kkonċernati f'isem l-attur u ai termini tal-liġijiet suċċitati.

Fl-atti tal-kawża hemm varji dokumenti u xhieda relattivi għal dan il-punt.

Id-dokumenti eżebiti mil-konvenuta Forti Developments Limited innfisha[37] juru lilha bħala pagatur, jew prinċipal (imsejjah pagatur fil-liġijiet fiskali). L-istess jingħad għall-ittra legali li kienet intbgħatet mir-rappreżentant legali tagħha lil dak tal-attur nhar is-26 ta' Settembru 2008[38] kif ukoll il-kontestazzjoni tal-konvenuta Forti Developments Limited għall-ittra uffiċjali li l-attur ippreżenta fit-3 ta Ottubru 2008 taħt l-Artikolu 166A fejn Forti Developments Limited.[39]

Minn naħa l-oħra, dokumenti oħrajn jindikaw lis-soċjeta kjamata in kawża Fort Chambray Limited bħala l-prinċipal tal-attur. Dawn jinkludu dawk tad-Dipartiment tal-Impjieg u Taħriġ li ssottometta l-attur inniffsu bin-nota tiegħu tas-26 ta' Marzu 2010[40] kif reġgħu ġew sottomessi mix-xhud Marcel Bonnici waqt ix-xhieda tiegħu ta' nhar is-26 ta' Jannar 2012[41] bl-inklużjoni ta' dokument addizzjonali, id-*Declaration of Commencement of Employment*,[42] fejn inċidentalment tidher korrezzjoni magħmulha fl-isem dikjarat tal-prinċipal fejn l-ewwel isem kien ieħor altru miż-żewġ soċjetajiet involuti f'din l-istanza li ġie ngassat u mibdul b'Forte (sic) Chambray Ltd.

Għal xi raġuni, pero, il-kwistjoni tal-leġittimita bħala kontradittriċi tas-soċjeta konvenuta Forti Developments Limited tqajmet biss fi stadju tardiv tal-proċeduri, wara li kienu diġa ngabru diversi provi, u biss fil-21 ta' Mejju 2012 fejn l-istess soċjeta talbet li żżid eċċezzjoni ulterjuri f'dan is-sens liema talba pero ġiet miċħuda minn din il-Qorti kif diversament presjeduta b'digriet tal-14 ta Novembru 2012 fejn ġie ordnat ukoll li tisejjaħ fil-kawża is-soċjeta Fort Chambray Limited.

Illi r-raġuni għalfejn il-Qorti kif diversament presjeduta innegat it-talba tal-konvenuta sabiex iżżid eċċezzjoni ulterjuri tal-leġittima

[37] A fol. 20-22 u 92-94
[38] A fol 23
[39] A fol 35
[40] A fol 64-67
[41] A fol 245-247.
[42] A fol 248-250

kontradittorjeta kienet sempliċement għaliex *jirriżulta li s-soċjeta Fort Chambray Limited (C 12056) seta kellha xi relazzjoni ġuridika ma' l-attur bħala employer tiegħu*, mingħajr pero ma' l-Qorti nnegat li s-soċjeta konvenuta Forti Developments Limited kellha tibqa parti fil-proċeduri.

Din il-Qorti ssib ċar li s-soċjeta Forti Developments Limited akkwiexxiet għal l-istat ta' fatt li hija vinkolata mal-attur u dan kemm bir-risposta ġuramentata tagħha kif ukoll b'atti ulterjuri u billi hija stess, u r-rappreżentanti tagħha, qatt ma ddistingwew b'mod ċar bejn soċjeta u oħra, anzi. Is-soċjeta konvenuta Forti Developments Limited u r-rappreżentanti tagħha fix-xhieda minnhom mogħtija jitkellmu dwar ftehim milħuq ma' l-attur u dan konsistentement u f'diversi stadji tal-kawża, u mingħajr ma jitnaqqas xejn mil-varji dokumenti hawn fuq indikati li juru lilha kif ukoll lis-soċjeta msejjħa fil-kawża Fort Chambray Limited bħala vinkolati legalment mal-attur.

Infatti, il-konvenuta Forti Developments Limited qatt ma ċaħdet li kienet prinċipal tal-attur qabel ma xehed Marcel Bonnici in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Impjieg u Taħriġ nhar is-26 ta' Jannar 2012 u, wara din id-data, għamlet passi addizzjonali li bihom ikkristallizżat il-posizzjoni tagħha bħala vinkolata mal-attur Perit Mario Formosa inkluż; bin-nota ta' nhar it-23 ta Mejju 2013, fejn hija stess flimkien mas-soċjeta kjamata in kawża intavolat diversi dokumenti[43] li jerġgħu juru lit-tnejn li huma bħala prinċipali tal-attur.

Oltre dan, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni nniffsu, fir-risposta ġuramentata tiegħu tal-5 ta' Mejju, 2020, wara li l-kawża reġgħet tpoġġiet quddiem din il-Qorti fuq l-ordni tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Mejju 2019; jiddikjara skejjattament illi *l-Perit Mario Formosa, bin-numru tal-karta tal-identita 252069M, kien impjegat tas-soċjeta Forti Developments Limited (li għandha n-numru tal-P.E. 524227) bejn l-1 ta Novembru 2005 u t-30 ta' Ottubru 2007, f'liema perjodu s-soċjeta rrappurtat dħul f'ismu ta' Lm2000 (fl-2005), ta' Lm12,000 (fl-2006); u ta' Lm10,000 (fl-2007) (kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. KTT 1').*

[43] A fol 302310

*Għall-istess perjodu, s-socjeta Forti Developments Limited issototmettiet il-formoli tal-Final Settlement System Tax (FS3) tal-attur Mario Formosa għas-snin 2005 (li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. KTT2), 2006 u 2007 (eżebiti mar-rikors promotur bħala 'Dok. B' u 'Dok C') u għall-ebda sena ma tnaqqset taxxa u/jew kontribuzzjoni tas-sigurta soċjali.*

Din id-dikjarazzjoni ġiet ribadita fl-affidavit ta' Emmanuel Mangion, manager fis-sezzjoni tal-ġbir fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi fejn jindika lil Forti Developments Limited bħala dik li minnha kellu dħul l-attur Perit Mario Formosa.[44] Fl-istess vena, mistoqsi rigward dan waqt ix-xhieda in kontro-eżami tiegħu ta' nhar it-18 ta' Gunju 2021, Dr Michael Caruana irrisponda:

*L-Avukat Dottor Kevin Camilleri Xuereb:*

*Mela jekk l-employer huwa Fort Chambray Limited, kumpanija oħra, il-għala l-FS3's saru minn Forti Developments Limited? Inti kkonfermjat li huma korretti, tajjeb, spjegali d-diskrepanza jekk jogħġbok.*

*[...]*

*Ara Dr Caruana, jien ma fhimtx, u hija rrilevanti r-relazzjoni li l-kumpanija jew il-kumpaniji tiegħek għandha mal-Gvern u liema strategija użat jew inkella struttura użat visavi l-amministrazzjoni, jien li jinteressani huwa kif fuq dokument Fort Chambray Limited hija ddikjarata bħala employer tal-Perit Formosa, f'dokument ieħor uffiċjali tal-ħlas ta' taxxa jew pseudo ħlas ta' taxxa hemm kumpanija kompletament differenti li hija Forti Developments Limited visavi l-Perit Formosa.*

*Ix-Xhud:*

*Forti Developments Limited qiegħda hawnhekk.*

*L-Avukat Dottor Kevin Camilleri Xuereb:*

*Iva Forti, mela allura min hu l-employer tal-Perit?*

*Ix-Xhud:*

*Forti Developments Limited*

---

[44] A fol 477 tal-process.

*[...]*

*U dejjem hekk imxejna, setgħet kienet Fort Chambray Limited xorta mingħanda kien ha jieħu ċ-ċekk, setgħet kienet Forti Hotel Resort Limited xorta kien ha jiehu l-istess.*

Mistoqsi aktar tard rigward id-diretturi tal-kumpaniji jikkonferma li huma l-istess nies, li huma lkoll diretturi tal-istess kumpanija u li dan għalih ifisser li ma hemmx distinzjoni bejn kumpanija u oħra. Insista wkoll li kull kif huma jgħarfu lill-attur Perit Mario Formosa bħala impjegat tagħhom u kienx impjegat ma waħda jew mal-oħra ma kinietx tagħmel differenza.[45]

Illi għalhekk, hemm lok li ż-żewġ soċjetajiet jibqgħu jirrispondu għal-pretensjonijiet tal-attur.

Magħdud dan, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-kontestazzjoni prinċipali ta' din il-kawża, ossia, jekk Lm 1000 li tħallsu lill-attur tul l-impjieg tiegħi f'Fort Chambray, Għawdex għandhomx ikunu meqjusa li tħallsu lilu gross jew nett.

Sfortunatament, f'dan il-każ m'hemmx kuntratt ta' impjieg bil-miktub. Din hija għalhekk kwistjoni ta' kredibilita' u l-Qorti trid tara liema waħda miż-żewġ verżjonijiet kontrastanti hija l-aktar kredibbli meqjusin l-provi prodotti.

Il-Qorti hija propensa li temmen lill l-attur Perit Mario Formosa meta jgħid illi l-ftehim kien li Lm 1000 kellhom ikunu netti f'idejh u dan fuq skorta ta' fatti li tnisslu mix-xhieda li nġabret f'din il-kawza inkluz tal-attur inniffsu iżda anke dik ta' Dr Michael Caruana fejn dan ikkonferma li jaf bl-obbligu tiegħu li jħallas t-taxxa u l-bolla tal-impegati tiegħu iżda

[45] A fol 524-526 tal-process

anke li l-valur dikjarat fuq l-FS3 relattiv għall-attur kien dak li kellhom jagħtuh. Jgħid fil-fatt, in kontro-ezami:[46]

*L-Avukat Dottor Ian Spiteri Bailey:*

*Inthom fl-FS3 kontu qed tiddikjaraw, preċiż, il-gross, qed tgħid?*

*Xhud:*

*Aħna għidna kemm aħna kellna nagħtuh.*

Interessanti wkoll ix-xhieda ta' Pauline Caruana, mart Frank Caruana li hija wkoll wieħed mid-diretturi tas-soċjetajiet involuti, illi bl-esperjenza tagħha fil-kamp tat-taxxa tgħid bla tlaqliq li ċ-ċirkostanzi tal-attur ma kienux normali u li l-impjegat l-ieħor li kellhom dak iż-żmien: *konna nħallsulu l-bolla normali, kif suppost, jiġifieri bħala impjegat normali.*[47] Tgħid ukoll li la huwa impjegat full-time *iridu jitħallsulu l-bolol ukoll*.

Interessanti wkoll illi fid-dikjarazzjoni ta' Dr Michael Caruana inkluża fir-risposta ġuramentata ta' Forti Developments Limited, dan jgħid testwalment *Illi ftit ġranet qabel ma beda jippresta s-servizzi tiegħu, l-attur talabni biex flok jibgħat invoice bil-VAT ta' kull xahar, Forti Developments Limited tirreġistrah bħala impjegat tagħha. Jiena weġibtu illi dement illi ma kinitx tagħmilli differenza fl-ammont li s-soċjeta' tiegħi kienet ser tinkorri cioe Lm1000 (€2329.37) fix-xahar u dana billi l-VAT ta' 18% kont niġborha lura, jiena ma kontx insib oggezzjoni.*

Similarment, fir-risposta ġuramentata tal-kjamata in kawża Fort Chambray Limited jingħad kliem simili biż-żieda tas-segwenti: *u għalhekk anke li kieku mal-ammont ta' elf lira Maltin (Lm 1000) kellha tiżdied it-taxxa tal-VAT, effettivament il-kumpanija xorta kienet sejra toħroġ biss l-ammont totali ta' elf lira Maltin (Lm 1000) in vista tar-rifużjoni li hija kienet tingħata.*

[46] Xhieda tas-26 ta' Marzu 2010, a fol 60

[47] A fol 97 tal-process

Din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi, allura, li din hija ammissjoni da parti tad-direttur li f'idejħ għandu t-tmexxija ġornaljera tas-soċjetajiet involuti f'din il-kawża, tant li wkoll, skont ix-xhieda ta' Pauline u Frank konjuġi Caruana kien jistruwixxi lilhom fuq kif għandhom jipproċedu u x'dokumenti għandhom jintavolaw ma l-awtoritajiet ikkonċernati, illi s-soċjetajiet u d-diretturi tagħhom kienu konxji li lill-attur Perit Mario Formosa kellhom jagħtuh Lm1000 fix-xahar, kemm jekk ser iħallsu l-VAT fuq minn dak l-ammont, kemm jekk ser jobdu l-obbligi fiskali tagħhom. Jidher li pero filwaqt li fuq il-VAT kellhom moħħhom mistrieħ li ser jirkuprawħ lura, fuq t-taxxa u l-bolla seta kien hemm ħsieb żbaljat. Dan iżda ma jnaqqas xejn mit-twemmin ta' din il-Qorti li allura huma lkoll kienu konxju li lill-attur kellhom jagħtuh Lm 1000 f'idejħ.

Anke fir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni nniffsu, li ġie kjamat fil-kawża fuq ordni tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Mejju 2019; il-Kummissarju jiddikjara skejjattament illi *l-Perit Mario Formosa, bin-numru tal-karta tal-identita 252069M, kien impjegat tas-soċjeta Forti Developments Limited (li għandha n-numru tal-P.E. 524227) bejn l-1 ta Novembru 2005 u t-30 ta' Ottubru 2007, f'liema perjodu s-soċjeta rrappurtat dħul f'ismu ta' Lm 2000 (fl-2005), ta' Lm 12,000 (fl-2006); u ta' Lm 10,000 (fl-2007) (kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. KTT 1'). Għall-istess perjodu, s-soċjeta Forti Developments Limited issototmettiet il-formoli tal-Final Settlement System Tax (FS3) tal-attur Mario Formosa għas-snin 2005 (li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. KTT2), 2006 u 2007 (eżebiti mar-rikors promotur bħala 'Dok. B' u 'Dok C') u għall-ebda sena ma tnaqqset taxxa u/jew kontribuzzjoni tas-sigurta soċjali.*

Tenut kont li skont il-liġijiet viġenti applikabbli taxxa u bolla għandhom jinqataw qabel jitħallas l-impjegat, din hija konferma li l-ħlas li sar lill impjegat kien dak nett, u li jekk sar żball, dan kien li s-soċjetajiet parti f'din il-kawża ma ħallsux dak dovut minnhom skont il-liġi qabel għamlu l-ħlas lill-impjegat.

Il-Qorti tirribadixxi li bħala mpjegat tagħhom, is-soċjetajiet imħarrkin kienu marbutin bl-obbligi legali derivanti mil-vinkolu ta' prinċipal u impjegat, fosthom dawk li l-prinċipal iħallas l-bolla u t-taxxa ta' l-

impjegat tiegħu skont il-proviżjonjiet tal-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kap. 318) u r-Regoli dwar Final Settlement System (FSS) (Liġi Sussidjajra 372.14), kif del resto xehed li huwa konxju minnu Dr Michael Caruana[48] u ikkonferma Emmanuel Mangion in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi.[49]

Meqjus dan, kwalunkwe ftehim li setaw għamlu l-intimata Forti Developments Limited u / jew il-kjamata in kawża Fort Chambray Limited li jmur kontra id-diċitura tal-liġijiet nostrani tal-impjieg ma jistax jitqies bħala wieħed validu. Għaldaqstant, il-paga mħallsa lill-attur Perit Mario Formosa ma tistax għajr titqies paga netta ġjaladarba tħallset lilu waqt li kien impjegat abbażi full-time fuq terminu indefinit.

Issir ukoll referenza għax-xhieda mogħtija minn Boris Xerri nhar il-5 ta' Novembru 2010[50] fejn qal illi *il-liġi, ir-regolamenti tat-taxxa ma jippermettulekx li l-employer ma jaqtax taxxa u bolla, għax huwa, huwa eh legalment responsabbli li jrid jiġborhom. Issa, l-ammont tal-bolla li tinqata' mill-paga, l-employer huwa dovut bil-liġi li jħallas l-istess ammont hu bħala sehem ta' employer fuq il-liġi.* Jgħid ulterjorment li fir-rigward ta' impjegat full-time *jirdu jitħallsu l-bolol bilfors* u wkoll li *bilfors irid ikun hemm taxxa*.

Dawn il-fatti jikkalzaw perfettament fil-massima li *l-verita' la darba tiġi affermata spontaneament ma tistax titbiddel imħabba konvenjenzi personali jew ekonomiċi: veritas una vis, una facies est*.[51]

L-istess ħsieb jemani mid-deċiżjoni tal-Appell Superjuri mogħtija nhar il-5 ta' April 1971 fl-ismijiet Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo fejn intqal: *meta parti f'kawza tipprova a kwalunkwe kost timmonta difiza ghal kollox kuntrarja ghal dak li evidentement ikun gara, ir-rizultat necessarjament ikun dak li l-Qorti ma tistax taghti ebda valur probatorju.*

---

[48] A fol 58 tal-process
[49] A fol 539 tal-process
[50] A fol 97 tal-process
[51] Sen. Ep. 102, 14: Citazzjoni mid-decizjoni tal-Appell Superjuri moghtija nhar il-25 ta' Jannar 1971 fl-ismijiet George Micallef vs Carmelo Galea et

Diverġenza oħra li nqalet waqt l-andament tal-kawża titrattat jekk l-attur kienx impjegat *full-time* jew *part-time* u dan anke peress li kien jitla' minn Malta għal Għawdex sabiex ikun fuq is-sit għal ammont ta' ġranet u ħinijiet li jistaw ma jammontawx għal 40 siegħa fil-ġimgħa.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għad-dokumenti uffiċjali relattivi għall-impjieg tal-attur li juru li huwa kien imniżżel mad-Dipartiment tal-Impjieg u Taħriġ bħala impjegat, *full-time*, fuq terminu indefinit. L-applikazzjoni għal dan il-għan hija eżebita in atti[52] u turi ċar illi kemm il-prinċipal kif ukoll l-attur qablu ma dan u għalhekk ma hemm ebda dubbju rigward dan f'moħħ il-Qorti. L-argument tas-soċjeta konvenuta Forti Developments Limited u dik kjamata in kawża Fort Chambray Limited li il-*modus operandi* ta' kif kien jaħdem l-attur Perit Mario Formosa juru mod ieħor m'huwiex sostenibbli u dan stante l-obbligu ta' kull prinċipal li jagħti x-xogħol lill-impjegati tiegħu skont kif ikunu ingaġġjati, tant li jeżistu anke possibiltajiet ta' proċeduri fit-Tribunal Industrijali minn impjegat li jipproponi azzjoni ta' unfair/constructive dismissal fejn dan ma jkunx il-każ.

Jingħad ulterjorment li fix-xhieda mogħtija mill-Avukat Dr. Michael Caruana nhar l-14 ta' April 2021[53] dan ġie kristallizzat lill'hemm minn kull dubbju meta fuq domandi tal-abbli difensur tal-Kummissarju għat-Taxxi Dr Michael Caruana xehed hekk:

*L-Avukat Dottor Stephania Azzopardi:*

*Issa bhala xoghol kont tghid li kien full-time jew part-time?*

*Ix-Xhud:*

*Jien sa fejn naf jien, kien irregistrat bhala full-time, pero hu kien jahdem…*

[52] A fol 248-250
[53] A fol 507

Dan l-istess punt Dr Michael Caruana jerġa jikkonfermaħ fil-kontinwazzjoni tax-xhieda in kontro-ezami tiegħu ta' nhar it-18 ta' Ġunju 2021[54] inkluż fejn jgħid:

*L-Avukat Dottor Kevin Camilleri Xuereb:*

*Jiena staqsejtek rigward l-ahhar linja u l-ahhar linja taqra hekk, u ghall-finijiet for the record ha naqrahielek, "Fort Chambray 100053, ir-Rabat, Ghawdex employed full-time indefinite.*

*Ix-Xhud:*

*Hekk hu.*[55]

Rigward il-fatt ta' meta ġiet a konoxxjenza tal-attur l-FS3 li biha ntebaħ li t-taxxa u l-bolla li kellhom jitħallsu f'ismu ma kienux qed jitħallsu, hawn ukoll il-Qorti temmen lill-attur li dan ma rax dawn id-dokumenti ħlief xi xahar wara li telaq mill-impjieg u wara li tkellem mad-dipartimenti tat-taxxa u s-sigurta soċjali kkonċernati. U dan mhux biss fuq id-dikjarazzjonijiet konsistenti tiegħu tul kemm il-darba xehed li ma setax jagħmel ir-rendikonti neċessarji mad-dipartiment tat-taxxa, inkluż waqt il-kontro-eżami mill-abbli avukat tal-konvenuta u l-kjamata in kawża fejn irribadixxa dan,[56] iżda wkoll fuq is-saħħa tar-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi nniffsu fejn saħaq illi *l-konjugi Formosa naqqsu milli jissottomettu l-Formoli tat-Taxxa personali tagħhom għas-snin in kwistjoni* tant li *fil-25 ta' Mejju 2018 l-esponenti pproċeda bil-ħruġ ta' 'Avviz ta' Likwidazzjoni (Originali)' għas-snin ta' stima 2006, 2007 u 2008 (snin bazi 2005, 2006, u 2007).*[57] L-istess ikkonferma x-xhud mill-ufficċċu tal-Kummissarju tat-Taxxi, sezzjoni ta' ġbir, Emmanuel Mangion fl-affidavit tiegħu in atti[58] fejn qal li l-attur u l-konjuġi tiegħu naqsu milli jibgħatu l-formoli tat-taxxa u għalhekk il-Kummissarju ħareġ numru ta' Avviż ta' Likwidazzjoni għas-snin stima 2006, 2007 u 2008 jiġifieri għas-sena bażi 2005, 2006 u 2007. Jinsisti li għal dawn l-avviżi ma saret ebda oġġezzjoni u għalhekk illum l-ammont ta' taxxa dovuta huwa finali u konklussiv.

---

54 A fol 514 tal-process
55 A fol 521 tal-process
56 Kontro-ezami tal-14 ta' April 2021 minn Dr Jean Paul Grech
57 A fol 466
58 A fol 477

Minn naħa l-oħra, l-argument tal-konvenuta u l-kjamat in kawża li l-attur Perit Mario Formosa kien jirċievi dawn id-dokumenti bil-posta mhux pruvat mod ieħor għajr bid-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Meqjus dan, u konkluż li allura ż-żewġ soċjatijiet parti f'din l-istanza jistaw jinżammu responsabbli versu l-attur u l-pretesnjonijiet tiegħu kif ukoll li l-assjem tal-provi jindika li Lm 1000 imħallas lill-attur kienu mifhuma, ġustament, bħala netti malgrad dak dikjarat mir-rappreżentanti tas-soċjetajiet involuti f'din il-kawża għal kuntrarju u l-mod kif imtlew il-formuli tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, jibqa allura l-punt tal-preskrizzjoni.

Fuq id-diċitura tad-dritt hawn aktar il-fuq iċċitat, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx illi t-talba tal-attur hija għal hlas li jinkwadra fid-definizzjoni ta' emolumenti u, għaldaqstant, għal-hlas ta' "paga" jew "salarju" addizzjonali li semmai kienet tkun il-kontribut dovut bħala bolla u taxxa li kella titħallas qabel huwa jingħata il-paga.

Għaldaqstant, l-istanza hija waħda rigward salarju stante li t-taxxa tad-dħul ta' kull impjegat, skont il-liġijiet relattivi, tinqata mis-salarju tiegħu u tithallas lid-dipartiment konċernat mil-prinċipal fiż-żmien preskritt mil-liġi. L-istess jiġri fil-każ ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali. Għalhekk dawn iż-żewġ pagamenti ma jistawx jitqiesu ndipendenti mis-salarju.

Stabillit dan, jibqa il-kwezit ta' jekk l-istess salarju kienx jitħallas fix-xahar. Fuq dan il-punt, hemm qbil konsistenti bejn il-partijiet skont ix-xhieda mogħtija minnhom ilkoll.

Istanza ta' dan it-tip hija għalhekk regolata bil-preskrizzjoni ta' sena ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan magħdud, l-atturi qiegħdin jitolbu l-ħlas ikkonċernat li jkopri l-perijodu kollu li l-attur Perit Mario Formosa għamel impjegat mas-socjetajiet parti fil-kawża.

Mid-dokumenti in atti jirriżulta ampjament u mingħajr kontradizzjoni li huwa beda l-impjieg tiegħu fl-1 ta' Novembru 2005 u temm l-istess fil-31 ta' Ottubru 2007.[59]

Qabel ma ġiet istitwita l-kawża preżenti l-uniku att ġudizzjarju li kien ġie intavolat kien l-ittra uffiżjali tat-22 ta' Settembru 2008 magħmulha mill-attur Perit Mario Formosa taħt l-Artikolu 166A.[60] Dina l-ittra saret biss kontra is-soċjeta Forti Developments Limited, l-intimata f'dawn il-proċeduri, u mhux ukoll kontra l-kjamata in kawża Fort Chambray Limited.

Tenut kont tal-konklużjoni ta' din il-Qorti li din l-istanza hija affetta mill-Artikolu 2147(c) tal-Kap. 16, dan ifisser li safejn l-azzjoni preżenti tolqot lis-soċjeta intimata Forti Developments Limited tapplika l-preskrizzjoni ta' sena taħt dan l-artikolu u dan għal dak kollu li jista jkun dovut għaż-żmien qabel it-22 ta' Settembru 2007.

Il-Qorti ma ssibx li jista jkun hemm ebda raġuni valida għad-dewmien tal-attur Perit Mario Formosa f'li jieħu passi opportuni meta huwa stess, konsistentement fix-xhieda tiegħu, qal li ma kienx qiegħed jingħata d-dokumenti li kien qed jitlob (FS3) mil-prinċipal tiegħu tant li ma setax jagħmel id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu u ra biss it-tali dokumenti xi xahar wara li telaq mill-impjieg wara li kien fittex ukoll l-għajnuna tad-dipartimenti kkonċernati.

Fil-każ tas-soċjeta kjamata in kawża Fort Chambray Limited, tapplika l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2147(c) għal-pretensjonijiet kollha miġjuba kontriha stante li minn imkien fl-atti proċedurali ma jirriżulta li din is-

[59] Ref dokumenti a fol 302 u 304 tal-process.
[60] A fol 33

soċjeta qatt ġiet notifikata b'xi att ġudizzjarju u, bl-eżistenza tagħha l-attur Perit Mario Formosa ma setax ma kienx jaf stante li huwa stess iffirma l-formula *Declaration of Commencment of Employment*[61] kif anke kkonferma x-xhud rappreżentant tad-Dipartiment tal-Impjieg u Taħriġ Marcel Bonnici.[62] Jirriżulta għalhekk li fir-rigward ta' Fort Chambray Limited tapplika l-preskrizzjoni għal dak kollu li jikkonċerna l-pretensjonijiet kollha miġjuba kontriha.

Rigward l-ammont li huwa għalhekk dovut mill-intimata Forti Developments Limited għal-perijodu mhux milqut bil-preskrizzjoni ossia, il-perijodu bejn it-22 ta' Settembru 2007 u d-data tal-ittra uffiċjali tal-attur Perit Mario Formosa (22 ta' Settembru 2008); stante illi l-Perit attur temm l-impjieg tiegħu fil-31 ta' Ottubru 2007, jibqaw dovuti l-ammonti għal-perijodu 22 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Ottubru 2007 apparti dak li ser jingħad hawn aktar l-isfel.

Fir-rigward tat-talba tal-atturi għall-ħlas ta' penalitajiet u imgħaxijiet imposti mil-liġi, hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għat-talbiet u l-eċċezzjonijiet fejn fost l-eċċezzjonijiet taż-żewġ soċjetajiet involuti tqajmet dik tal-intempestivita tal-azzjoni stante li l-awtoritajiet fiskali qatt ma ressqu xi talba kontra l-atturi għall-ħlas ta' taxxi, arretrati jew għal-penali amministrattivi jew imgħaxijiet.

Il-Qorti tgħaddi allura sabiex tagħmel referenza għar-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi fejn dan stqarr illi *l-konjuġi Formosa naqqsu milli jissottomettu l-Formoli tat-Taxxa personali tagħhom għas-snin in kwistjoni* tant li *fil-25 ta' Mejju 2018 l-esponenti pproċeda bil-ħruġ ta' 'Avviż ta' Likwidazzjoni (Oriġinali)' għas-snin ta' stima 2006, 2007 u 2008 (snin bażi 2005, 2006, u 2007)* u *illi l-esponenti Kummissarju tat-Taxxi joqgħod fuq id-dikjarazzjonjiet kif saru lilu filwaqt li jżomm ferm il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward ta' taxxa li tirriżulta dovuta fuq id-dħul indikat.*[63]

---

[61] A fol 248-250

[62] Ara ix-xhieda ta Marcel Bonnici moghtija nhar is-26 ta' Jannar 2012

[63] A fol 466 tal-process

Hawnhekk jiġi iċċarat li sa issa ma saret ebda talba mill-awtoritajiet ikkonċernati f'dan is-sens.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet Jimmy Vella vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn intqal: *huwa utli li jigi osservat bi preliminari illi l-ligi procedurali taghna ma tghidx li d-disposittiv ghandu jirrivesti xi forma sagramentali izda tiddisponi semplicement illi "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deciziva jew obligatorja ghandha tigi mdahhla fid-disposititv" (Artikolu 219, Kapitolu 12). Hekk ukoll jinsenja l-Laurent (Diritto Civile, Vol. XX para 34) fejn jghid " la legge non indica la forma nella quale devessere concepito il disposittivo... tutto cio che richiede si e che vi sia una sentenza, cioe un dispositivo il quale decide una contraversia. In quanto alla forma, la lascia al giudice.*

Illi allura hawnhekk din il-Qorti ser tieħu provvediment neċessarju u dan speċjalment fid-dawl ta' dak dikjarat mix-xhud mill-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, sezzjoni ta' ġbir, Emmanuel Mangion fl-affidavit tiegħu in atti[64] fejn qal li l-attur u l-konjuġi tiegħu naqsu milli jibgħatu l-formoli tat-taxxa u għalhekk il-Kummissarju ħareġ numru ta' Avviżi ta' Likwidazzjoni għas-snin stima 2006, 2007 u 2008 jiġifieri għas-sena bażi 2005, 2006 u 2007 għal liema avviżi ma saret ebda oġġezzjoni u għalhekk illum l-ammont ta' taxxa dovuta huwa finali u konklussiv.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi u r-raġunijiet ġia espressi, din il-Qorti sejra tiddisponi min dina l-vertenza billi taqta u tiddiċiedi kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi b'dan illi ser tillimita il-ħlas dovut kif sejjer isegwi.
2. Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tikkundanna lis-soċjeta konvenuta Forti Developments Limited sabiex tħallas lill-attur il-bolol

[64] A fol 477 tal-porcess

limitatament għal-perijodu bejn it-22 ta Settembru 2007 sal-31 ta' Ottubru 2007.

3. Tilqa' it-tielet talba tal-atturi u tikkundanna lill-intimata Forti Developments Limited sabiex tħallas direttament lid-Dipartiment Tat-Taxxi Interni it-taxxa kollha dovuta kif ukoll l'imgħax u l-penali mposti skont il-liġi in kwantu illi ma sarux il-ħlasijiet tat-taxxa u bolla meta dovuti fuq il-kont tal-atturi mad-Dipartiment imsemmi.
4. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Forti Developmenst Limited u l-kjamata in kawża Fort Chambray Limited safejn m'hijiex inkonsistenti ma dak deċiż hawn aktar i'fuq.
5. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimata Forti Developmenst Limited u l-kjamati fil-kawża Fort Chambray Limited u l-Kummissarju tat-Taxxi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata Forti Developments Limited stante l-konfużjoni li nħolqot bid-dikjarazzjonijiet fid-dokumenti varji sottomessi lid-Dipartiment tat-taxxi Interni u lid-Dipartiment tal-Impjieg u Taħriġ.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur